ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

L-Isem u l-Kunjom: _____ Il-Klassi: _____

Għall-istudent/a:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

Għall-għalliema:

IL-MARKI	It-Taħdit	15	
	Il-Fehim mill-Qari	20	
	Il-Metalingwa	10	
	Il-Kitba	25	
	Il-Letteratura	20	
	Is-Smigħ	10	
	IT-TOTAL	**100**	

Kummenti:

_____

_____

_____

_____

Taqsima A: IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI **(20 marka)**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Darb'oħra Mark għamel oħra minn tiegħu. Fil-laboratorju tal-iskola kellhom skeletru tal-plastik tul ta' bniedem. Kien ilu jħaddem moħħu biex jieħdu miegħu d-dar. Lill-għalliem ma riedx jitlobhulu għax żgur ma kienx iħallih. U fuq kollox, xi skuża kien se jġiblu biex iħallih jissellfu? Iżda jekk kien idaħħal fellus f'rasu, ħadd ma kien jirnexxilu joħroġhulu. *(par. 1)*

Dam ħafna jtella' u jniżżel kif se jirnexxilu. L-għalliem li kellhom ma kienx wieħed li se jħalli lil xi ħadd jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru. Infatti kien dejjem joħroġ l-aħħar wieħed mil-laboratorju wara li jsakkar kullimkien. Ma setax jaljenah u għalxejn kien ilu ġranet iġorr miegħu borża tal-plastik sewda. *(par. 2)*

Iżda darba l-għalliem ma ġiex għal-lezzjoni u tfaċċa ieħor minfloku. Qalilhom li kien se jieħu post l-għalliem tagħhom. Mark mill-ewwel ħass li issa kienet ġietu x-xoqqa f'moxtha. Ma' dan żgur kien se jġibha żewġ għax kien diġà ħareġ darbtejn mil-laboratorju u ħalla t-tfal waħedhom. Ma ried juri xejn lil sħabu għax beża' li jikxfuh. Għalhekk qagħad jara kif seta' jdaħħal l-iskeletru fil-borża mingħajr ħadd ma jinduna. *(par. 3)*

Fl-aħħar ġieh il-ħsieb li jħalli ktieb warajh fil-laboratorju u jmur jitlob iċ-ċavetta lill-għalliem. Hekk għamel u rnexxielu. Iżda din il-borża bl-iskeletru x'se jagħmel biha sakemm tispiċċa l-iskola? Biex jagħti lura ċ-ċavetta lill-għalliem ħeba l-borża wara qasrija kbira tal-palm barra l-laboratorju. Meta reġa' lura fil-klassi baqa' jhewden dwar il-borża tant li f'kull lezzjoni li kellu wara, beda jġib skuża li jrid imur it-tojlit u hekk seta' jittawwal lil dik l-imbierka borża. *(par. 4)*

Fl-aħħar irnexxielu jwassalha d-dar mingħajr inkwiet. Kien ferħan se jtir. Ħbieha taħt is-sodda biex waqt l-ikla ta' filgħaxija jitla' fuq biex ilesti l-prapsura li kien ilu jaħmi f'moħħu. *(par. 5)*

Meta oħtu Sandra spiċċat mill-ikel telgħet fuq bħas-soltu u wara li għalqet il-bibien tal-kmamar kollha, daħlet fil-kamra tagħha. Xtaqet tagħlaq it-tieqa biex torqod b'moħħha mistrieħ. Iżda hekk kif kienet se tinża' l-flokk rat xi ħaġa li kexkxitha taħt il-friex tas-sodda. Kif kixfet l-għata tal-imħadda lemħet dik ir-ras ta' mewt u dak l-għadam impoġġi pulit pulit. Werżqet twerżiqa li qatgħet lil kull min kien id-dar u ħalliet lil ħuha mifqugħ bid-daħk. *(par. 6)*

(Silta minn "Il-Beżżiegħ" ta' Tony C. Cutajar)

Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.

20

1. Agħti titlu lil din is-silta.

_____ (marka)

2.Taħseb li din kienet l-ewwel praspura ta' Mark? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tikkwota espressjoni mis-silta.

_____(2 marki)

3. X'taħseb li kien qed jagħmel l-iskeletru fil-laboratorju tal-iskola?

_____ (marka)

4. Liema espressjoni mit-tieni paragrafu turik li Mark qabel ma għamel il-praspura dam ħafna jaħseb kif se jwettaqha?

_____ (marka)

5. Agħżel is-sentenza li taqbel l-iktar maż-żewġ għalliema msemmija fis-silta.

a. L-ewwel għalliem kien iħalli lill-istudenti jagħmlu li jridu. ❑

b. L-ewwel għalliem kien jafda ħafna lill-istudenti fil-laboratorju. ❑

ċ. L-għalliem il-ġdid ma kienx jagħti kas iż-żamma tal-laboratorju. ❑

d. L-għalliem il-ġdid ma kien jagħti ċ-ċavetta tal-laboratorju lil ħadd. ❑ (marka)

6. Taħseb li Mark kellu fiduċja fi sħabu? Saħħaħ il-fehma tiegħek b'dettall mis-silta.

_____ (marka)

7. X'għamel Mark biex jaċċerta ruħu li l-borża s-sewda baqgħet fejn ħallieha?

_____ (marka)

8. Fejn poġġieha l-borża kif wasal id-dar?

_____ (marka)

9. X'għamlet Sandra kif telgħet fuq wara l-ikel?

_____ (marka)

10. Taħseb li l-praspura ta' Mark irnexxiet? Saħħaħ it-tweġiba minn dak li ġara fis-silta.

_____

_____(2 marki)

11. Sib espressjoni mis-silta li tfisser l-istess bħal: (3 marki)

a. il-mument opportun *(par. 3)* = _____

b. kien se jirnexxielu *(par. 3)* = _____

ċ. jippjana *(par. 5)* = _____

12. Xi jfissru dawn l-espressjonijiet fil-kuntest tas-silta: (3 marki)

a. (Mark) jekk kien **idaħħal fellus f'rasu**, ħadd ma kien jirnexxilu joħroġhulu *(par.1)*=

_____

b. (l-għalliem) ma kienx wieħed li se jħalli lil **xi ħadd jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru** *(par. 2)* =

_____

ċ. (twerżiqa) **qatgħet** lil kull min kien id-dar *(par. 6)* =

_____

Għall-użu tal-għalliema biss (ara l-iskema tal-marki):			
♦ Marki għall-ortografija/punteġġjatura:	**2**	**1**	**0**

IL-METALINGWA

10

1. Imla l-vojt tas-silta skont kif mitlub fil-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju. (4 marki)

Iltqajt ma' bidwi (**minn** + Madliena) **<u>mill-</u>** Madliena. Kellu (**70** f'kelma) _____ sena magħluqa. Qalli li ta' kuljum (Verb fl-Imperfett bil-mamma q-w-m) _____ fis-sitta u jerħilha lejn l-għalqa li għandu lejn il-Mellieħa. Jixħet (**artiklu** quddiem mgħażqa) _____ fuq spalltu u xkora taħt abtu u jqatta' l-ġurnata hemmhekk. Il-biedja hija xogħol ta' (**nom** mill-verb bata) _____ kbira, għalkemm illum daħal ħafna makkinarju u ħafna xogħol m'għadux isir bl-idejn.

2. F'kull sentenza għandek issib **żball ortografiku**. Aqta' linja taħtu u wara ikteb is-sentenza b'mod tajjeb fl-ispazju provdut taħt. (3 marki)

a. Ilbieraħ tgħidx kemm sfinna fil-festin.

_____

b. Ħuti joqogħdu jilgħabu fil-bitħa sakemm tiġi ommi.

_____

ċ. Is-sindku ta għotja ta' kotba għall-librerija tal-iskola.

_____

3. Ikteb is-sentenzi bil-punteġġjatura meħtieġa. (3 marki)

Noah staqsa lil missieru Kemm irid ikollok żmien biex issuq Missieru stagħġeb u malajr wieġbu Allaħares tibda ssuq issa Ibqa' suq ir-rota u ż-żmien jasal.

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Taqsima B: IL-KITBA

25

♦ Ikteb bejn **150 u 200 kelma** dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti:

1. Meta ltqajt ma' aljen. Ikteb **rakkont**.
2. Qattajt ġurnata fuq pjaneta oħra. Ikteb **rakkont**.
3. Ftit tal-ġimgħat ilu kellkom Jum l-Isport fl-iskola. Ikteb **djarju** ta' kif għaddejt dan il-jum.
4. Kellek toqgħod id-dar waħdek għal ġurnata. Ikteb **djarju** dwar kif qassamt din il-ġurnata.

▶ Ikteb in-numru tal-kitba li għażilt: _____

Taqsima Ċ: IL-LETTERATURA

20

▶ IL-POEŻIJA

Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)

IL-KMAJRA TIEGĦI ta' **Ġorġ Pisani**

Daqsxejn ta' sodda, mejda u gwardarobba,
ftit siġġijiet bil-kotba mimlijin:
din hija l-kamra tiegħi, jien inħobbha
u żgur ma nibdilhiex ma' palazzin.

Mit-tieqa l-kbira nara l-ġnejna tagħna
bis-siġar tal-larinġ, naspli, rummien;
għasafar jiġru 'l hawn u 'l hemm ferħana
u arja bnina timla kullimkien.

Din hija d-dwejra tiegħi, hawn nitkisser
fil-ħidma tal-istudju, kitba u ħsieb,
hawnhekk it-tqanqiliet tal-arti nfisser,
hawnhekk nilqa' 'l kulħadd: għedewwa u ħbieb.

Insejt l-arloġġ itektek bi twissija
li qed nixjieħ mal-mewta ta' kull siegħa.

1. X'tip ta' poeżija tissejjaħ din? Agħti raġuni għaliex.

_____

_____(2 marki)

2. X'tip ta' rima qed juża l-poeta fl-aħħar strofa?

i. alternata ❑ ii. mqabbża ❑ iii. mbewsa ❑ iv. ħielsa ❑ (marka)

3. Ikkwota **anafora** mill-poeżija u ikteb x'effett jixtieq joħloq il-poeta permezz tagħha.

_____

_____(2 marki)

4a. Fil-vers *"Insejt l-arloġġ itektek"* (v.13) insibu eżempju ta':

i. metafora ❑ ii. onomatopea ❑ iii. similitudni ❑ iv. personifikazzjoni ❑ (marka)

b. Ikteb x'effett għandha din fil-poeżija.

_____

_____ (marka)

5. F'madwar **50 kelma** ikteb dwar ir-rabta li għandu l-poeta ma' kamartu flimkien mal-kwalitajiet li jagħmluh poeta.

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____ (3 marki)



▶ IL-PROŻA

Aqra din in-novella *Ix-Xiħ tal-Bastun* ta' Ġorġ Borg u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)

Il-pustier kien għeja jqassam l-ittri. Ix-xemx qalila kienet tixroblu saħħtu. Iżda l-ittri kellhom jitqassmu xorta. Biex tagħqad, dakinhar ġiet għall-ittri reġistrati. Għal kull waħda, kien ikollu jċempel, jistenna u, meta jiftħulu, iġiegħel lil min jiftaħ jiffirmalu fuq biċċa karta żgħira.

Kien għoddu wasal biex jispiċċa, meta, b'ittra reġistrata f'idu, ħabbat fuq bieb qadim ta' remissa. Fetaħ xiħ bil-bastun li deher xi ftit nieqes mid-dawl. Kif il-pustier beda jfiehmu jiffirma l-ittra, ix-xiħ beda ġej b'ruxxmata mistoqsijiet tant li ma ried jiffirmalu b'xejn. Il-pustier beda jonfoħ iżda żamm id-dwejjaq fih. Reġa' fiehmu u fiehmu u wara ħafna taħbit, ix-xiħ qabad il-karta, qegħedha mal-koxxa tal-bieb u ffirma. Il-pustier newwillu l-ittra, sellimlu u telaq iħaffef lejn l-uffiċċju.

Kif kien l-uffiċċju, il-pustier reġa' ta daqqa t'għajn ix-xogħol li kellu u, b'għaġeb kbir tiegħu, isib li l-firma tax-xiħ ma kinitx fuq il-karta tiegħu. "Tibżax, jien għada nerġa' nkun hemm u mqar jekk ma jkunx hemm ittri għalih, nitolbu jiffirmali mill-ġdid."

L-għada, il-pustier kien fit-triq tax-xiħ. Kif wasal, ħabbatlu iżda l-ġirien qalulu li kien qed iħabbat għalxejn għax il-lejla ta' qabel ix-xiħ kien miet. Il-pustier xengel rasu u refa' ħarstu lejn il-bieb qadim. "Miskin," qal b'għajnejh imdemmgħa, "għex ħajja komuni u m'hawn xejn xi jfakkar ismu. **Miet qisu kelb**." Imbagħad f'daqqa waħda, għajnejh waqgħu fuq ħaġa stramba. Bla ma jaf kif ix-xiħ tal-bastun kien ħalla l-firma tiegħu mal-koxxa tal-bieb.

(addattament tan-novella mill-ktieb *Stejjer minn tarf ir-raħal* ta' Ġorġ Borg)

1. Agħti titlu ieħor lil din is-silta u ikteb għaliex għażilt dan it-titlu.

_____

_____(2 marki)

2. Iddeskrivi **żewġ** kwalitajiet pożittivi (sbieħ) li kellu l-pustier.

_____

_____

_____(2 marki)

3. X'taħseb li kellha l-ittra li rċieva x-xiħ? Taħseb li din kienet il-kaġun tal-mewt tiegħu u għaliex taħseb hekk?

_____

_____

_____(2 marki)

4. X'taħseb li ried jgħid biha l-kittieb l-espressjoni **"miet qisu kelb"** (linja 18)?

_____

_____

_____ (marka)

5. F'madwar **50 kelma**, ikkummenta fuq it-tieni mawra tal-pustier lejn id-dar tax-xiħ u ikteb dwar dak li ħassejt.

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____(3 marki)

IL-FEHIM MIS-SMIGĦ: Ġlieda bit-tadam (10 marki)

Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li smajt fis-silta. (5 marki)

a. Meta ssir il-ġlieda tat-tadam fi Spanja?

_____

b. X'kien sar bi protesta meta l-festival ma tħalliex isir?

_____

ċ. X'jiġri hekk kif tintlaħaq il-biċċa laħam f'tarf l-arblu tax-xaħam?

_____

d. Ikteb **żewġ** struzzjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-parteċipanti tal-festival.

_____

_____

Taħriġ B: Immarka t-tweġiba t-tajba skont dak li smajt fis-silta. (2 marki)

i. Il-parteċipant li waqgħetlu l-maskra wera r-rabja tiegħu billi beda

a. jolqot kulma beda jsib fi triqtu. ❑
b. jissotta t-tadam lin-nies li kienu preżenti. ❑
ċ. jiġġieled ma' bejjiegħ tat-tadam. ❑
d. jkisser il-maskra li kien liebes. ❑

ii. Fil-festival it-trakkijiet tat-tifi tan-nar jintużaw

a. f'każ ta' emerġenza. ❑
b. biex iġorru t-tadam li jiġi mwaddab. ❑
ċ. biex jinħasel it-tadam qabel jitwaddab. ❑
d. biex jinħaslu t-toroq. ❑

Taħriġ Ċ: Imla l-vojt b'informazzjoni komplimentari man-numri skont dak li smajt fis-silta. (3 marki)

a.	1946	
b.	€700	
ċ.	17,000	

TMIEM IL-KARTA